# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Kumitat 2020

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Nardu Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

Mejju 2021 Ħarġa Nru 13

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Diġa għaddiet terz mis-sena u issa dħalna fix-xahar ta' Mejju, xahar li għalina l-Maltin niddedikawh lil Madonna. B'dan l-iskop qed nipproduċu żewġ kwadri ddedikati lil Madonna tar-Rużarju, u artiklu dwar l-istorja tal-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni, fin Nigret, limiti taż-Żurrieq. Issibu wkoll it-tieni u l-aħħar parti ta' l-artiklu ferm interessanti miktub minn Martin Morana dwar il-bidu tal-Kappelli fil-gżejjer Maltin.

Nitlob lil membri, jew oħrajn li mhumiex membri imma għandhom għal qalbhom il-kappelli, biex jekk għandkhom xi artiklu li tridu li jiġi ppubblikat f'dan il-fuljett, jikkuntatjawna b'emejl f'indirizz indikat hawn fuq. Grazzi bil-quddiem.

N. Gingell
*Għal Kumitat*

## WERREJ

*Pġ 1 Kwadri ddedikati lil Madonna tar-Rużarju*

*Pġ 2 Knisja tal-Immakulata, Nigret, Żurrieq*

*Pġ 4 Il-Bidu tal-Kappelli f'Malta (Iit-Tieni u l-aħħar parti)*

## KWADRI DDEDKATI LIL-MADONNA TAR-RUŻARJU



*Kappella ta' San Ġiljan, Ta' Lapsi, San Ġiljan, parroċċa l-antika.*
*Artist: Giuseppe Cefail—impittra 1896*



*Kappella San Mattew Appostlu, Tal - Maqluba, Qrendi*
***Artist mhux magħruf***

Ritratti : NG

## KNISJA TAL-IMMAKULATA, TAN-NIGRET, ZURRIEQ



Il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fiż-Żurrieq tinsab fl-inħawi magħrufin bħala tan-Nigret. Il-knisja li naraw illum inbiet flimkien mal-palazz biswitha bħala residenza tas-sajf, fl-1715 minn Fra Giacomo Togores y Valemuola, kavallier tal- lingwa t'Aragona. F'dan il-post qabel kien hemm knisja oħra ddedikata lill-Assunta u kienet magħrufa bħala "*l-Assunta tax-Xagħra*". Il-knisja kien żarha il-monsinjur Dusina u kienet tinsab bejn il-knisja magħrufa bħala "*tal-Ħaqba*" u dik iddedikata lil San Luqa. Fis-sena 1594 id-dedika tal-knisja inbidlet minn dik tal-Assunta għal dik tal-Lunzjata.

Fid-deskrizzjoni tat-titular ta' din il-knisja l-isqof Balaguer jgħid li kien juri lill-Madonna fiċ-ċentru b'San Ġwann il-Battista u Santa Katerina. Jista' jkun li l-pittura setgħet kienet trittiku. Fis-sena 1634, il-knisja kienet magħrufa bħala"*Ta' Bieb ix-Xagħra*", u għal xi raġuni jew oħra, ġiet dekonsagrata u ngħalqet għall-pubbliku fl-1658 mill-istess Isqof Balguer.

Fl-1728 il-Papa Beneditt XIII b'digriet ta indulġenza plenarja lill-dawk kollha li jżuru din il-knisja nhar waħda mis-seba' festi maġġuri tal-Madonna. Il-knisja l-ġdida ġiet ikkonsagrata fl-1739 mill-kappillan taż-Żurrieq, din id-darba b'dedika oħra Marjana, lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Mill-1881 sal-1883 il-palazz u l-knisja tal-Kunċizzjoni kienu nkrew biex iservu bħala monasteru u provinċja f'Malta għal grupp ta' patrijiet Benedittini. Sal-1961 fil-palazz kien għad hemm xi affreski magħmulin minn dawn il-Benedittini. Mill-1935 'l hawn, il-kumpless tal-palazz u l-knisja bdew jintużaw bħala orfanatrofju mmexxi mis-sorijiet tal-Ulied il-Qalb ta' Ġesù.



Il-knisja, merfugħha mit-triq b'għoli ta' żewġ tarġiet, għandha żewġ daħliet: waħda priċipali fil-faċċata u l-oħra fuq il-ħajt tal-lemin. Il-bieb prinċipali huwa mdawwar minn gwarniċun sempliċi. Fuq kull kantuniera tal-faċċata prinċipali hemm kampnar relattivament imdaqqas. Dawn it-tip ta' kampnari kienu dehru għall-ewwel darba fil-faċċata tal-konkatidral ta' San Ġwann fil-belt Valletta iddisinjat minn Gerolamo Cassar. Aktar tard, din l-iskema bdiet tinfirex l-aktar fid-disinji tal-knejjes ta' Lorenzo Gafà.

Minn ġewwa, il-knisja hija maqsuma fi tnejn: il-parti tal-presbiterju u l- parti fejn hemm in-nava. In-nava għandha saqaf troll, b'erba' kustilji ħerġin mill-erba' kantunieri u jispiċċaw fil-kantunieri tal-lanterna fin-nofs tas-saqaf, b' tieqa kull naħa li jservu biex iddawwlu l-intern tal-knisja.



Wara l-bieb prinċipali, minn ġewwa, hemm speċi ta' xatba tal-injam li l- parti ta' fuq tagħha sservi bħala poġġaman għal gallarija żgħira fuq il-bieb. Din ix-xatba sservi biex meta l-knisja tkun magħluqa biha, in-nies setgħet xorta waħda tinviżta s-Sagrament. Din għalhekk, kienet taqdi l-funzjoni ġeneralment moqdija minn dawk it-twieqi li ssib ta' spiss fi knejjes simili.

Il-gallarija fuq il-bieb prinċipali setgħet serviet bħala kor żgħir jew anke bħala post privileġġjat għas-Sinjur tal-Palazz. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali, minn ġewwa, wieħed isib fonti tal-ilma mbierek tal-irħam. Dawn mhumiex ippareġġjati u għalhekk jista' jkun li nġabu minn knejjes oħra, u tqiegħdu hemm.



## KNISJA TAL-IMMAKULATA, TAN-NIGRET, ZURRIEQ



Il-preżbiterju nnifsu huwa tarġa għola mil-bqija tal-knisja u jinkludi kor żgħir fuq kull naħa tal-altar li jintużaw mis-sorijiet għat-talb tagħhom ta' kuljum. Il-parti fejn hemm l-altar hija msaqqfa b'saqaf troll li jistrieħ fuq żewġ arkati.

L-altar jinsab f'daħla żgħira u mgħolli mill-preżbiterju b'żewġ tarġiet, u hu magħmul mill-ġebel u miżbuħ bi sfumaturi biex jiġi qisu tal-irħam. Il-kwadru titulari juri lill-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġakbu, San Lawrenz u San Leonardu il-Konfessur. Il-Madonna hija mdawwra minn anġli żgħar filwaqt li ħamiema bajda, li tirrappreżenta l-Ispirtu s-Santu, tidher nieżla mis-smewwiet. San Ġakbu jidher għarkobtejħ filwaqt li San Lawrenz u San Leonardu jidhru bilwieqfa. Fuq it-tila twaħħlu wkoll kuruna tal-metall, sitt stilel u qamar.



L-Isqof de Bussan fl-1747 isemmi din il-pittura u dan jindika li dan il-kwadru seta' sar meta nbiet il-knisja l-ġdida fl-1715. Ir-rapport isemmi wkoll kitba li kien hemm fuq il-pittura li kienet tgħid "*Tota Pulcra es Arnica Mea*", jiġifieri "*Kollok Sbejħa u Ħabiba Tiegħi*". Il-pittura turi nfluenza tal-istil Barokk Naplitan, u tidher li hi ta' xi pittur minuri miċ-ċirku ta' Gan Nikol Buhagiar.

Illum il-ġurnata, kurifiss kbir u sett ta' sitt gandlieri fuq l-altar jgħattu sew dan il-kwadru.

Il-pittura ta' San Benedittu turih bħala fiqura monumentali liebes l-abitu iswed u qed jitlob quddiem kurċifiss fil-kampanja. Wara l-kurċifiss jidhru l-baklu u mitra sempliċi li juru li kien Abbati. Fl-isfond naraw l-abazjia ta' Monte Cassino Il-ħamiema li takkompanja l-qaddis tirrappreżenta lil oħtu, Santa Scholastika, li jingħad li meta mietet, Benedittu kellu viżjoni tagħha tiela' s-sema f'forma ta' ħamiema.



Il-knisja l-antika tal-Assunta kien post ta' pellegrinaġġ minn nisa tqal biex jitolbu biex ikollhom ħlas tajjeb hekk li din id-devozzjoni baqgħet għaddejja anke fil-knisja l-ġdida. L-Isqof de Bussan's fl-1747 jgħidilna li kien hemm għadd ta' pitturi "*ex-voto*" li llum m'għadhomx jeżistu. Teżisti wkoll pittura tal-Madonna li għandha ċintorin madwar żaqqha. Din il-pittura setgħet kienet tifforma parti minn din id-devozzjoni tal-ħlas. Il-Madonna tidher minn qaddha 'l fuq u għandha proporzjon klassiku u turi influenza tal-Barokk Ruman. Din il-pittura hija mżejna bi tnax-il stilla tal-fidda, ċintorin tal-fidda u ġiżirana tad-deheb b'salib imwaħħal magħha.



Fil-knisja nsibu wkoll pittura tal-wiċċ ta' Kristu ("*sudarium*") li stilistikament tidher li jista' jkun tas-seklu dsatax.



*Informazzjoni: www,kappellimaltin.com*

*Kitba Juliet Bonnici*

*Ritratti NG.*

## IL-BIDU TAL-**KAPPELLI F'MALTA**

**Kitba ta' Martin Morana** **(tkomplija)**

Skont l-istess *rollo* ta' Di Mello, insibu li fost l-eqdem kappelli / parroċċi kien hemm dik ta' Birkirkara, għax tissemma f'dokument partikulari tal-1402. L-oħrajn kienu, il-kappelli ta' Bir Miftuh, ta' Ħad-Dingli, tal-Mellieħa, tan-Naxxar, ta' Ħal-Qormi, tas-Siġġiewi, taż-Żejtun u taż-Żurrieq. Għawdex ma jissemmiex, biss, aktar tard nafu li kien hemm erba' lokalitajiet li l-matriċi tagħhom kienet dik ta' Santa Marija tar-Rabat.

Fl-1575, l-Inkwiżitur Pietro Dusina nnota li f'Malta u f'Għawdex kien hawn b'kollox mal-430 kappella. Dan mill-ewwel jidher numru esaġerat għall-popolazzjoni li dak iż-żmien ma kinetx aktar minn 30,000 ruħ - dan ifisser li kien hawn kappella waħda għal kull sebgħin ruħ, għalkemm ħafna minnhom kienu privati u oħrajn ma jiffunzjonawx.



Birkirkara — Madonna tal-Ħerba

Fejn il-binja jew l-altar kienu fi stat ħażin, l-Inkwiżitur Dusina ordna li dawn jew ikunu rranġati jew jingħalqu. Fil-fatt, kien hemm daqs ħamsin minnhom li ġew dekonsagrati. Biss oħrajn kibru fil-popolarità tagħhom, jew għax il-popolazzjoni tal-inħawi kienet kibret jew għax xi wħud kienu saru aktar imfittxija bħala post ta' devozzjoni lejn il-qaddis, l-aktar meta n-nies kient titlob



Madonna tal-Ħlas, Qormi



Zurrieq — Ħal-Millieri

## IL-BIDU TAL-**KAPPELLI F'MALTA**

u taqla' l-grazzi bl-interċessjoni tal-qaddis meqjum hemmhekk. Fost dawn is-santwarji insemmu, il-kappella tal-Madonna tal-Ħlas, barra Ħal-Qormi u dik tal-Ħerba ta' Birkirkara.

Xi wħud mill-kappelli fi żmien il-Medjuevu u anki wara, ma kienux biss binja waħda b'altar wieħed u bieb wieħed. Ġieli kienu jkunu żewġ kappelli jew tliet kappelli maqgħuda strutturalment flimkien, x'aktarx kollha mibnija mill-istess familja. Dawn it-tip ta' kappelli multipli nsibuhom f'diversi postijiet, bħal f'Ħal Millieri, San Bażilju l-Imqabba, Ħal Lija (il-parroċċa l-Qadima), u 'It-Tliet Kappelli' ta' Ħal Balzan li qegħdin ftit metri 'l bogħod minn xulxin.



Balzan—it-Tliett Kappelli

Il-qassisin / kappillani li kienu jieħdu ħsieb dawn il-kappelli, minn żmien għall-ieħor daru għall-għajnuna finanzjarja tal-parruċċana biex il-kappella fejn kienu qed jamministraw tissewwa, tinbidel, jew titkabbar fl-istruttura tagħha. Hekk naraw li xi wħud mill-kappelli li kienu mibnija oriġinarjament f'forma ta' kubu żgħir u sempliċi, issa, jew twaqqgħu jew inkella saritilhom estensjoni fin-navata biex jikbru fl-ispazju ta' ġewwa. Ġieli anki man-navata żdiedu speċi ta' żewġ kappelli laterali (kappelluni - Ingliż: *transepts*) li joħorġu bħal dirgħajn minn ħdejn l-altar maġġur, biex b'hekk il-kappella issa ssir knisja li tista' tilqa' ħafna aktar nies. Hekk ġralha l-knisja l-qadima ta' Santa Katerina taż-Żejtun (magħrufa aħjar bħala ta' San Girgor) li ħadet il-forma ta' Salib Ta' Sant'Antnin (*Tau* jew *crux commissa*). Fil-bidu tas-seklu sbatax, fuq ras l-altar saretilha koppla li kienet isserraħ fuq il-kappelluni u n-navata f'daqqa. Din hi l-ewwel koppla li nafu biha f'Malta.



Inċizzjoni Michele Bellanti

Ħal– Lija - Tas-Salvatur, il-parroċċa l-antika



Imqabba - San Bażilju

Ritratt: Joe Morana



Zejtun - Santa Katarina , parroċċa l-antika, magħrufa bħala ta' San Girgor



Il-koppla

Bi żviluppi bħal dawn żdied il-prestiġju ta' dawn il -kappelli għax saru qishom knejjes żgħar. Fil-fatt, hu kultant diffiċli tgħid jekk il-binja għandiex tissejjaħ kappella jew inkella knisja fil-veru sens tal-kelma. L-għażla donnha ssir abbażi tal-komplessità tal-binja u kultant minħabba l-istorja sagra u prestiġjuża tal-kappella. Hawn anki kappelli li għalkemm daqs nitfa, għandhom it-titlu ta' bażilika, bħal ma hi l-kappella magħrufa bħala Tal-Patroċinu, li hemm f'Wied il-Għasri Għawdex. Fis-snin sittin l-Isqof Gonzi kien iddikjara li kull kappella għandha tissejjaħ knisja, u t-titlu ta' kappella kellu jkun mogħti biss lil dawk il-partijiet ta' ġewwa l-knisja, fejn hemm apside fejn b'altar iddedikat lill-qaddis.

Dawn il-mijiet ta' kappelli ċkejna mxerrda ma' Malta u Għawdex jgħinuna nifhmu aħjar it-twemmin tal-Maltin u tad-devozzjoni li dawn kellhom matul l-aħħar seba' mitt sena lejn tant qaddisin. Il-kappelli juru wkoll kemm dawk li ġew qabilna investew biex ikollhom lok ta' devozzjoni dinjituż għall-qaddis tagħhom, u fl-istess ħin tempju żgħir iżda diċenti li fih setgħu jsibu l-kenn spiritwali fejn jikkomunikaw ma' dawk li hemm fis-sema'.

Martin Morana

19.02.2021

*Borg Vincent (Ed.) Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (600 - 1800). The Historical Society, 1983.*

*Buhagiar Mario, 'The First Maltese Parish Churches' ta' Mario Buhagiar fi, Treasures of Malta, Christmas 2002, no 25, Vol IX no 1.*

*Buhagiar Mario, Essays on the Archaeology and Anciwent History of the Matlese Islands - Bronze Age to Byzantine. Midsea Books 2014.*

*Fiorini Stanley, 'Status Animarum 1: A Unique Source for the 17th and 18th Century Maltese Demography', Melita Historica, Vol VIII no 4, 1983.*

*Freller Thomas, St Paul's Grotto and its Visitors, Valletta Publishing Ltd. 1995.*

*Freller Thomas, Malta - The Order of St John, Midsea Books. 2010.*

*Wettinger Godfrey, 'The Militia List'', Melita Historica, Vol 5. No 2, 1969, pp. 80-106;*

*Anthony Luttrell, Ed. Ħall Millieri, A Maltese Casale - its Churches and Paintings, Midsea Books Ltd. 1976.*

*Luttrell Anthony, 'The Cappella of Birkirkara 1402', Melita Historica, Vol VIII no 2, The Historical Society Malta. 1981,*

*Spiteri Michael, (Kilin). A Hundred Wayside Chapels of Malta & Gozo ta' Heritage Books. 2000.*

*Rit: NG*



Il-Madonna tal-Patroċinju, f'Wied il-Għasri,

*Ritratti: NG sakemm mhux indikati*